**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-000443/2014**
**lill-Kummissjoni (Viċi President / Rappreżentant Għoli)**
Artikolu 117 tar-Regoli ta’ Proċedura
**Antonello Antinoro (PPE), Spyros Danellis (S&D), Alfredo Antoniozzi (PPE), Vito Bonsignore (PPE), Gino Trematerra (PPE), Giovanni La Via (PPE), Antonio Cancian (PPE), Paolo Bartolozzi (PPE), Raffaele Baldassarre (PPE), Carlo Fidanza (PPE), Elisabetta Gardini (PPE), Luigi Ciriaco De Mita (PPE), Oreste Rossi (PPE), Crescenzio Rivellini (PPE), Iva Zanicchi (PPE), Salvatore Tatarella (PPE), Sergio Paolo Francesco Silvestris (PPE), Marco Scurria (PPE), Amalia Sartori (PPE), Potito Salatto (PPE), Lara Comi (PPE), Fabrizio Bertot (PPE), Alfredo Pallone (PPE), Aldo Patriciello (PPE), Clemente Mastella (PPE), Barbara Matera (PPE), Giuseppe Gargani (PPE), Sylvana Rapti (S&D), Georgios Stavrakakis (S&D), Dimitrios Droutsas (S&D), Chrysoula Paliadeli (S&D), Maria Eleni Koppa (S&D), Anni Podimata (S&D), Nikos Chrysogelos (Verts/ALE), Sophocles Sophocleous (S&D), Joseph Cuschieri (S&D) u Giommaria Uggias (ALDE)**

Suġġett: VP/HR - Rimi tal-armi kimiċi Sirjani

Minħabba-.

– li ġie approvat, bl-aħħar adeżjoni tal-Ġermanja, il-pjan ta' rimi tal-armi kimiċi Sirjani, li ngħata bidu, fil-fażi preliminari tiegħu, bit-trasferiment tal-ewwel tagħbija fuq bastiment mill-port Sirjan ta' Latakia fis-7 ta' Jannar li għadda;

– li dan il-pjan jipprevedi erba' fażijiet:

1. it-trasport tas-sustanzi tossiċi li ġejjin minn 12-il sit Sirjan, lejn il-port ta' Latakia, taħt il-kontroll ta' persunal Russu b'kontejners Amerikani;

2. il-ħżin tas-sustanzi fuq bastimenti ta' tagħbija Daniżi u Norveġiżi, b'appoġġ loġistiku mill-Amerikani u bir-Russja li tkun responsabbli mis-sigurtà;

3. it-trasport lejn port Taljan mill-vapuri Daniżi (Ark Futura) u Norveġiżi;

4. it-trasferiment tal-aġenti kimiċi perikolużi fuq vapur militari Amerikan (MV Cape Ray), bir-rimi suċċessiv, permezz ta' idroliżi, tas-sustanzi kimiċi, li mbagħad se jkunu mgħarrqa mill-bastiment f'ibħra internazzjonali, fiċ-ċentru tal-Baħar Jonju, bejn Kreta, il-Libja, Sqallija u Malta, fejn kollox mistenni li jseħħ fl-aħħar ta' Jannar,

qed jiġi mistoqsi lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli:

1. liema kriterji u valutazzjonijiet ittieħdu biex jintagħżel is-sit fejn isir ir-rimi;

2. liema siti oħra, minbarra l-Baħar Mediterran, ġew ikkunsidrati bħala siti possibbli fejn jista' jsir it-tali rimi;

3. jekk hux qed tiġi kkunsidrata l-possibilità li dan iħalli impatt diżastruż qawwi fuq l-ekosistema kollu tal-ibħra territorjali, meta jitqies li l-Baħar Mediterran, għalkemm jinkludi fih l-ibħra internazzjonali, xorta waħda hu baħar magħluq.

4. jekk huwiex possibbli li titbiddel l-għażla tas-sit fejn isir ir-rimi, b'mod li jkun ippreservat mhux biss l-ekosistema nnifsu imma anke s-saħħa taċ-ċittadini kollha Ewropej fiż-żona tal-Mediterran u lil hinn minnha, minħabba l-konsegwenzi gravi eventwali ta' din id-deċiżjoni.